23 ta' Marzu, 1954

## Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Frank Spiteri et. *versus* Anthony Saliba

## Soċjetà — Assoċjazzjoni in Partiċipazzjoni — Likwidazzjoni — Art. 1738 tal-Kodiċi Ċivili.

*L-assoċjazzjoni fis-sens proprju hija r-raggruppament permanenti ta' persuni diretti għall-konsegwiment ta' skop komuni. Is-soċjetà hija waħda mill-ispeċi ta' l-assoċjazzjoni, li fiha l-assoċjati jqiegħdu xi ħaġa in komun sabiex jaqsmu l-qligħ li b'hekk jistgħu jagħmlu. Dan l-iskop tar-ripartizzjoni tal-guadann miksub in komun bl-impieg ta' fond komuni jikkostitwixxi s-soċjetà, u jikkonferilha l-karattru ġuridiku ta' soċjetà, li għandha personalità distinta, patrimonju proprju, diritti u doveri, u li, meta, l-attività ta' l-assoċjati għandha tiżvolġi ruħha fl-eżerċizzju tal-kummerċ, hija kummerċjali; mentri l-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni hija dik l-assoċjazzjoni bejn tnejn minn nies jew iżjed li jingħaqdu biex jagħmlu spekulazzjoni kummerċjali mingħajr ma jikkostitwixxu fond komuni u autonomu, u langas jiffurmaw kollettività ta' persuni rikonoxxuta mill-liġi, u li hija eżenti mill-formalitajiet preskritti mill-*

*jiġi għall-kostituzzjoni tas-soċjetajiet l-oħra—formalitajiet li, meta ma jiġux imħarsa, jirrendu s-soċjetà irregolari, imma ma jġibux għall-ineżistenza tas-soċjetà, meta din tkun tidderiva minn kuntratt fornit bir-rekwiżiti essenzjali, li jista' jiġi pruvat b'kull speċi ta' prova.*

*Meta bid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-provi juru li l-assoċjazzjoni hija soċjetà, għalkemm irregolari, l-assoċjati jistgħu jitolbu x-xoljiment ta' l-assoċjazzjoni u l-likwidazzjoni u ripartizzjoni ta' l-interessi komuni.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-kontendenti ħadmu bejniethom f'soċjetà irregolari l-eżerċizzju tal-"Borton Tennis Courts" li qegħdin il-Pjetà, fi kwoti ugwali bejniethom, u ħadu in lokazzjoni l-istess "Courts" fl-interess komuni; u li l-kontendenti m'humiex iżjed jaqblu fuq l-istess assoċjazzjoni; talbu li tiġi ordnata xjolta l-istess soċjetà irregolari; li jiġi liċitat bejn il-kontendenti, u jekk hemm bżonn anki bl-oblaturi estranei, l-avvjament u l-inkwilinat ta' l-istess "Tennis Courts"; u jiġi nominat likwidatur biex jifforma l-kontijiet tal-ġestjoni ta' l-istess "Tennis Courts" sal-ġurnata meta tiġi dikjarata xjolta l-istess assoċjazzjoni. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ġunju 1953;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi tlieta huma, in sostanza, l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut: l-ewwel waħda, illi l-materja dedotta mhix kummerċjali, u li huwa mhux kummerċjant, u per konsegwenza din il-Qorti hija inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża; it-tieni, illi ma kien hemm l-ebda assoċjazzjoni bejn il-kontendenti; it-tielet, subordinata, illi, jekk qatt kien hemm xi assoċjazzjoni, din ma kienetx ta' soċjetà, lanqas irregolari, imma assoċjazzjoni in parteċipazzjoni, li fiha huwa kien l-assoċjant;

Tikkunsidra;

Illi l-assoċjazzjoni fis-sens proprju hija r-raggruppament permanenti ta' persuni diretti għall-konsegwiment ta' skop komuni. Is-soċjetà hija waħda mill-ispeċi ta' l-assoċjazzjoni; u difatti hija dik l-assoċjazzjoni li fiha l-assoċjati jqiegħdu xi ħaġa in komuni sabiex jaqsmu l-qliegħ li b'hekk jistgħu jagħ-

mhu art. 1738 Kodiċi Ċivili. L-assoċjazzjoni, minnela, li billi jiġi mogħti l-isem ta' soċjetà hija karatterizzata mill-iskop tar-ripartizzjoni bejn l-assoċjati tal-gwadann miksub in komun bl-impjeg ta' fond komuni. Dan hu appuntu l-element li jikkonferixxi lill-assoċjazzjoni l-karattru ġuridiku ta' soċjetà, li għandha personalità distinta, patrimonju proprju, u drittijiet u doveri; u li meta għandha bħala oġġett att jew attijiet tal-kummerċ, jiġifieri meta l-attività ta' l-*assoċjati għandha tiżvolġi* ruħha bl-eżerċizzju tal-kummerċ, hija kummerċjali. Kull forma oħra ta' unjoni ko-ordinata ta' persuni li ma tidħolx f'dak il-konċett ma tistax tiġi, għalhekk, b'lingwaġġ proprju, imsejħa soċjetà; u infatti tissejjaħ assoċjazzjoni in partiċipazzjoni dik l-assoċjazzjoni bejn tnejn min-nies jew iżjed li jingħaqdu biex jagħmlu spekulazzjonijiet merkantili *mingħajr* ma jikkostitwixxu fond komuni awtonomu u lanqas jiffurmaw kollettività ta' persuni rikonoxxuta mill-liġi. Huwa dan appuntu, jiġifieri illi l-assoċjazzjoni in partiċipazzjoni ma tikkostitwix "ente collettivo" separat u distint mill-persuni tas-soċi, li jġegħilha tiddistingwi ruħha mis-soċjetà;

Quddiem it-terzi dina l-assoċjazzjoni *in partiċipazzjoni* hija legalment injorata; ma teżistix taħt isem soċjali, u per konsegwenza ma tinduċi ebda responsabilità solidali u kollettiva ta' l-assoċjati; u appuntu għaliex ma għandhiex eżistenza quddiem it-terzi, hija eżenti mill-formalitajiet stabbiliti għall-kostituzzjoni tas-soċjetajiet l-oħra, jiġifieri l-att miktub u l-eżibizzjoni u l-publikazzjoni ta' dak l-att skond *id-dispożizzjonijiet* ta' l-artikoli 133, 134, 135, 152, 158 u 162, tal-Kodiċi tal-Kummerċ; dispożizzjonijiet li, meta ma jiġux imħarsa, jirrendu s-soċjetà irregolari, għaliex ma tkunx regolarment kostitwita konformement għall-preċett tal-liġi;

Dan id-difett tal-forom legali, però, ma jġibx miegħu l-ineżistenza tas-soċjetà, meta din tkun tidderiva minn kuntratt fornit bir-rekwiżiti essenzjali — kunsens, kapaċità, konferiment, ecc. — u jista jiġi pruvat b'kull speċi ta' prova; għaliex tonqos fil-liġi kull sanzjoni ta' nullità għal dak id-difett ta' forma; u dik is-soċjetà hija dixxiplinata mir-regoli miktubin fil-Kodiċi għall-forma korrispondenti ta' soċjetà regolari, salvi s-sanzjonijiet li espressament jikkolpixxha għall-irregolarità tagħha, konsistenti f'dan illi l-liġi ma tippermettix l-eżerċiz-

zju ta' l-azzjonijiet reċiproċi tas-soċi u tad-drittijiet tas-soċjetà kontra t-terzi, għaliex kontra dawn it-terzi s-soċjetà ma teżistix; imma, viċeversa, kontra s-soċi u kontra s-soċjetà dina hija regolari għall-finijiet kollha tal-liġi favur it-terzi. Iżda, billi dik is-soċjetà irregolari tista' tkun akkwistat patrimonju, u għalhekk l-applikazzjoni letterali u rigoruża tal-liġi tista' timporta li xi assoċjat jew assoċjati jkunu jistgħu jappropjaw ruħhom mill-patrimonju soċjali mingħajr ma jkunu jistgħu jipparteċipaw l-oħrajn, l-ekwità u l-ġurisprudenza introduċew is-sistema li jikkunsidraw l-assoċjati fi stat ta' komunjoni, biex jippermettu lil kull wieħed minnhom li jitlob ix-xoljiment tal-komunjoni u r-ripartizzjoni ta' l-interessi komuni—azzjonijiet mhux tas-soċjetà, imma riżultanti mis-semplici komunjoni, li għaliha mhix importanti l-iskrittura;

Minn dawn in-nozzjonijiet li ġew premessi jista' jiġi faċilment stabbilit ukoll il-kriterju biex l-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni tiġi distinta minn soċjetà irregolari. Is-soċjetà irregolari hija dik li tippreżenta ruħha għall-publiku mingħajr però ma tkun adempiet il-formalitajiet li trid il-liġi. Hemm lok, inveċi, għall-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni meta tnejn min-nies jew iżjed jagħmlu soċjetà li ma għandhiex tiġi konoxxuta mill-publiku, fis-sens li ma għandhiex eżistenza quddiem it-terzi, u mhux, evidentement, li għandha fil-fatt tinżamm segreta, u li fiha s-singolu soċju jikkuntratta f'ismu proprju;

Tikkunsidra:

Illi mill-provi li saru waqt it-trattazzjoni tal-kawża ma tirriżultax il-pretensjoni tal-konvenut illi l-impriża—il-lokazzjoni tat-"tennis courts" biex jiġu subaffittati għal skop ta' lukru—kienet tiegħu waħdu, u li huwa daħħal miegħu l-atturi mhux bħala assoċjati, imma, kif spjega huwa, bħala "helpers". Jirriżulta, inveċi, mill-kumpless ta' dawk il-provi, xi ċirkustanzi anki mill-istess depożizzjoni tal-konvenut, illi l-konvenut u l-atturi ftehmu li jikru dawk it-"tennis courts" biex jagħmlu bihom spekulazzjoni, billi reiteratament u sistematikament jissubaffittawhom u jaqsmu bejniethom il-profitti li jidderivaw minn din l-attività tagħhom; li hija kummerċjali, billi dik il-lokazzjoni u dawk is-sullokazzjonijiet huma atti ta'

kummerċ. Jirriżulta li huma fil-fatt krew dawk it-"tennis courts" flimkien, u għall-ħlas ta' l-ewwel skadenza tal-kera ikkontribwew it-tlieta, u għalhekk stabbilew il-fond soċjali bil-konferimenti li għamlu, u li t-tlieta ħadmu fix-xogħol li kien hemm bżonn fil-bidu fl-istess "tennis courts", u li qasmu wkoll bejniethom xi profitti. Dan kollu, skond in-nozzjonijiet fuq enunċjati, juri li bejn il-kontendenti kien hemm assoċjazzjoni, però mhux assoċjazzjoni in partiċipazzjoni, imma soċjetà, u soċjetà kummerċjali; għaliex, kif ġà ġie rilevat, dik is-soċjetà kellha bħala oġġett attijiet ta' kummerċ; iżda irregolari, għar-raġuni li l-kontendenti ma eżegwewx il-formalitajiet rikjesti mill-liġi. Imma b'dana kollu l-atturi, assoċjati f'dik is-soċjetà irregolari, jistgħu jitolbu x-xoljiment tal-komunjoni u l-likwidazzjoni u ripartizzjoni ta' l-interess komuni—dak li qegħdin jagħmlu f'dan il-ġudizzju, billi l-konvenut, kif jirriżulta wkoll mill-istess xhieda tiegħu, ried jaqlagħhom il-barra u jagħmel tiegħu dak kollu li jikkostitwixxi l-patrimonju komuni. U peress li dik is-soċjetà irregolarment kostitwita hija kummerċjali, għar-raġunijiet ġa fuq indikati, l-atturi ppropponew sewwa quddiem din il-Qorti t-talba tagħhom; u per konsegwenza l-eċċezzjoni deklinatorja għandha tiġi respinta;

Għall-motivi premessi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

U, respinta kull eċċezzjoni oħra kuntrarja, tiddeċidi adeżivament għall-istanza; u tinnomina lil Paul Bellia bħala likwidatur, sabiex, għall-finijiet tat-tielet talba, jifforma l-kontijiet tal-ġestjoni ta' l-imsemmija soċjetà irregolari bejn il-kontendenti riferibilment għat-"tennis courts" fuq indikati sal-ġurnata tal-lum, li fiha qiegħda tiġi dikjarata xjolta l-istess assoċjazzjoni;

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti terz kull wieħed.